

## I

(Atti leġiżlattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI Nru 1359/2013/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Diċembru 2013

li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fejn tiċċara d-dispożizzjonijiet dwar l-għażla taż-żmien tal-irkant tal-kwoti tal-gassijiet serra

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) L-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> ma jispjefikax kif għandhom jiġu ddistribwiti l-volumi tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li għandhom jiġu rkantati tul il-perjodu ta' negozjar.
- (2) Għall-finijiet taċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà tas-suq, għandu jiġi ċċarat li, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq, il-Kummissjoni tista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali tadatta l-iskeda tal-irkant skont l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE.

- (3) Id-Direttiva 2003/87/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE jiżdiedu s-sentenzi li ġejjin:

“Meta valutazzjoni tas-setturi industrijali individwali turi li ma jkunux mistennija impatti sinifikanti fuq setturi jew subsetturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju, il-Kummissjoni tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tadatta l-iskeda għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 13(1) li jibda fl-1 ta' Jannar 2013 biex tiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq. Il-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel aktar minn adattament wieħed bħal dan, għal għadd massimu ta' 900 miljun kwota.”.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2013.

Għall-Parlament Ewropew  
Il-President  
M. SCHULZ

Għall-Kunsill  
Il-President  
L. LINKEVIČIUS

<sup>(1)</sup> ĠU C 11, 15.01.2013, p. 87.

<sup>(2)</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Diċembru 2013 [[għadha mhix ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali]] u d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2013.

<sup>(3)</sup> Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.